# *Inawgurata mill-ġdid il-Kappella ta' Santa Marija Maddalena*

**Il-kappella ta' Santa Marija Maddalena li tinsab f'xifer l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli ġiet inawgurata mill-ġdid nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju, 2007. Dan wara li sarilha restawr estensiv u numru ta' proġetti ġodda. MARIO MICALLEF jagħti ħarsa lejn l-istorja tal-kappella li tinsab f'wieħed mill-inħawi l-aktar pittoreski tal-gżejjer Maltin u dwar ix-xogħol li twettaq fiha fix-xhur li għaddew.**



*Il-kappella ta' Santa Marija Maddalena.*

Il-kappella ta' Santa Marija Maddalena reġgħet inbniet għal kif nafuha llum fl-1646 wara li kienet iġġarrfet. Traduzzjoni mil-latin ta' skrizzjoni li hemm fuq il-bieb tal-kappella tgħid: "L-Illustrissimu u Reverendissimu Don Fra Michaelangelo Balaguer, Isqof ta' Malta, f'dak iż-żmien reġa' fetaħ u bierek din il-knisja żgħira li waqgħet, li bl-għotjiet tal-poplu reġgħet inbniet kompletament mill-ġdid. Il-ħmistax-il jum ta' April fis-sena tal-Mulej 1646." Madankollu l-preżenza f'dan il-post ta' kappella ddedikata lil din il-qaddisa tmur lura b'ċertezza għal mill-inqas mitejn sena qabel. Nhar l-4 ta' Frar 1936, sajjetta laqtet lil din il-kappella bil-konsegwenza li farrket it-tieqa tonda li hemm fil-faċċata.

Għal bosta snin, il-kappella qdiet il-ħtiġijiet spiritwali tal-bdiewa u familji li kienu jgħixu l-irdum jew fil-qrib. Dokumentazzjoni storika ssemmi drawwa li ħafna kienu jmorru jinvistawha nhar Ħadd il-Passjoni u kien hemm ukoll id-devozzjoni li kull nhar ta' Sibt u lejlet kull festa jinxtegħel lampier biż-żejt. Fl-imgħoddi kienet ukoll punt ta' referenza għas-sajjieda u dawk li kienu qed ibaħħru fil-lbiċ ta' Malta.

Illum il-ġurnata, quddies fiha tkun iċċelebrata biss nhar il-festa liturġika ta' Santa Marija Maddalena, jiġifieri fit-22 ta' Lulju. Dakinhar filgħaxija skond tradizzjoni li tmur lura s-snin, wara l-quddiesa tinħaraq ħuġġieġa u tkun organizzata attività soċjali mill-Kumitat Festa Esterna.

**Restawr u Proġetti ġodda**

Din il-kappella, li hi proprjetà tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli, ġiet inkluża fil-programm ta' restawr li l-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura qed jagħmel fuq diversi kappelli f'Malta. Ix-xogħol mill-ħaddiema tal-gvern fi ħdan it-Taqsima tar-Restawr beda f'Mejju 2005 b'intervent fuq is-saqaf fejn inkesa mill-ġdid min-naħa ta' barra u fuqu twaħħal salib ġdid tal-ġebel.

Waħda mill-problemi ewlenin li ġiet identifikata kienet il-preżenza ta' ammont ta' siment kemm fuq il-ħitan ta' barra kif ukoll fuq dawk ta' ġewwa ta' din il-kappella. Dan is-siment kien intuża waqt interventi ta' manutenzjoni li saru fil-passat. Però llum il-ġurnata huwa stabbilit li dan il-materjal mhux ta' ġid għall-ġebla tagħna. Għalhekk, il-ħitan ta' barra tnaddfu minnu u minflok tkaħħlu b'materjal naturali magħruf bħala *hydraulic lime*. Fuq ġewwa, il-ħitan tqaxxru għal kollox u reġgħu inksew mill-ġdid. Interessanti l-fatt li filwaqt li fuq barra, il-ġebel tal-ħitan hu maqtugħ regolari, il-ġebel użat fuq ġewwa hu bażikament ġebel tas-sejjieħ b'forom irregolari. Dan għadu jista' jidher peress li parti żgħira mill-ħajt tħalliet mikxufa apposta. Għall-faċċata inħadmet ukoll lapida ġdida bil-kliem *Non Gode l'Immunita Ecclesias* wara li dik oriġinali kienet insterqet xi snin qabel. Dan il-kliem ifakkar li fis-seklu dsatax din il-kappella, bħal oħrajn, tilfet il-privileġġ li meta kriminal jistkenn fiha ma setax jiġi arrestat.



*Artal u kwadru titulari ġodda.*

Fuq ġewwa, tneħħa l-madum li kien sar fis-seklu li għadda u taħt parti minnu nstabet parti miċ-ċangatura oriġinali, li ġiet salvata. Din iċ-ċangatura, u oħra minn dik oriġinali li ngħatat lura minn persuna li żammha meta nqalgħet biex sar il-madum, twaħħlet madwar l-artal. Għall-kumplament ta' l-art fil-kappella, il-ħaddiema tal-gvern qiegħdu pavimentar ġdid mill-ġebla Maltija tal-franka li jikkumplimenta ħafna l-ambjent ta' din il-kappella.



*Il-Kappillan Dun Norman Zammit imexxi quddiesa fuq iz-zuntier tal-kappella.*

Sar ukoll pavimentar ġdid għaz-zuntier. Hawnhekk intuża materjal tal-qawwi impurtat minn barra minn Malta li ngħata b'xejn minn benefattur. Dan ix-xogħol kollu sar taħt is-superviżjoni volontarja tal-perit tal-parroċċa, David Vassallo.

Il-parroċċa kkummissjonat artal ġdid li nħadem fil-ġebla Maltija. Għal fuq l-artal, Dun Ġwann Abela, flimkien ma' ħutu Maria, Lucia u Alfrida rregalaw pittura li turi l-laqgħa ta' Kristu Rxoxt ma' Marija Maddalena. Il-pittura hi xogħol il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi. Sar ukoll bieb ġdid għall-kappella.

**Inawgurazzjoni mill-ġdid tal-kappella**



*Attendenza numeruża għall-inawgurazzjoni mill-ġdid tal-kappella.*

Il-kappella reġgħet infetħet għall-pubbliku fl-għodwa tal-Ħadd 20 ta' Mejju. L-attività bdiet b'purċissjoni minn ħdejn Triq Ħal Tartarni li matulha tkantat il-Litanija tal-Qaddisin. Minn fuq iz-zuntier tal-kappella mbagħad, il-Kappillan Dun Norman Zammit flimkien ma' Monsinjur Louis Camilleri u Dun Ġwann Abela, iċċelebraw quddiesa fil-beraħ li kienet animata mill-Kor Parrokkjali *Regina Coeli*. Wara, il-kappella ġiet inawgurata mill-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, il-Perit Ninu Zammit. Mijiet żaru l-kappella li baqgħet miftuħa għall-pubbliku l-ġurnata kollha.

L-inħawi tal-kappella ta' Santa Marija Maddalena huma popolari ferm mal-Maltin u t-turisti li jieqfu biex igawdu l-ambjent rurali ta' l-inħawi, is-seħer ta' l-irdumijiet u x-xeni mill-isbaħ l-aktar fi nżul ix-xemx. Ir-restawr li sar mill-ħaddiema tal-gvern fil-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura flimkien ma' proġetti oħra li wettqet il-parroċċa ta' Ħad-Dingli taw dehra isbaħ lill-kappella. Hawnhekk ta' min juri apprezzament għall-impenn ta' grupp ta' voluntiera li taw is-sehem tagħhom permezz ta' ħidmiet u snajja' differenti. B'hekk il-poplu Malti u t-turisti, qed jingħataw opportunità li jgawdu 'l din il-kappella storika fl-istat li jixirqilha.

ROAD SERVICING Ltd.

**TRIQ IL-ĦWAWAR, XWIEKI, L/O NAXXAR NXR 09**

**ROAD BUILDING CONTRACTORS**

***Specialising in:***

- **RESURFACING OF ROADS**
- **SCARYFYING OF ROADS**
- **SUPPLIERS OF AGGREGATE MATERIAL**
- **KERB, PAVEMENT AND DRIVEWAYS CONSTRUCTION**

**Kindly contact our Office on**
**Tel: 21441772 - Fax: 21441773**
**Mobile: 99492418 - 99444069**
**E-mail: rsl@waldonet.net.mt**